31985R0226

31.1.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 26/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 226/85
tad-29 ta' Jannar 1985
dwar il-konkluzzjoni ta' Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Jemen

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolati l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Billi, biex tilħaq l-għanijiet tagħha fl-isfera ta' relazzjonijiet esterni ekonomiċi, il-Komunità Ekonomika Ewropea għandha tapprova Ftehim ta' Koperazzjoni mar-Repubblika Għarbija tal-Jemen; billi ċerti skemi ta' koperazzjoni ekonomika li għalihom jipprovdi l-Ftehim imorru lill hinn mis-setgħat preskritti skond il-politika komuni kummerċjali.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Jemen qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huma mehmuż ma' dan ir-Regolament

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika provduta fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ([3]).

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tkun rappreżentata fuq il-Kumitat Konġunt imwaqqaf taħt l-Artikolu 5 tal-Ftehim mill-Kummissjoni megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ANDREOTTI

([1]) ĠU C 258, tas-26.9.1984, pġ. 4.
([2]) ĠU C 12, ta' l-14.1.1985.
([3]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.